MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Numru. 921/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

**Wayne Joseph Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Wayne Joseph Camilleri**, ta' tnejn u ghoxrin sena, iben Victor u Josephine neé Casha, imwieled il-Pieta' nhar it-12 ta' Gunju 1989, u li joqghod fil-fond Flat 9, Triq il-Hamrija, Binja Hamrija, Flats Indipendenza, Naxxar, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 266789(M), akkuzat talli nhar is-7 ta' Awwissu 2011 ghall-habta tas-7.35 ta' filghaxija gewwa l-lokalita' ta' Santa Venera:

1. bil-hsieb li jaghmel reat ta’ serq ta’ vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni GRE 008 ghad-dannu ta’ Spiridione Pulo u/jew persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li huwa ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Euro 2329.37);

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Ford Fusion bin-numru ta’ registrazzjoni KRN 281 ghad-dannu ta’ Karen Joanna Abela u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (Euro 1164.69);

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b’xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu;

6. fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b’ghajjat u glied;

7. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;

8. fl-istess data f'xi hin gewwa dejjem gewwa l-lokalita' ta' Santa Venera, hebb ghal Joseph Agius u kkagunalu griehi ta' natura hafifa hekk kif certifikat minn Dott. D. Fenech Reg. No. 2555 mic-Centru tas-Sahha, l-Furjana;

9. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioé ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Fiat bin-numru tar-registrazzjoni NRS 067 ghad-dannu ta' Joseph Agius u/jew persuna jew persuni ohra liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija, erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (Euro 1,164.69) imma hija izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (Euro 116.47).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 11 ta' Settembru 2012 (*a fol.* 224) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(g), 263, 267, 271(g), 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 95 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet, waqt l-udjenza tat-8 ta’ Ottubru 2012 (*a fol.* 225), lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b’mod volontarju u semghet ukoll lix-xhieda prodotti mid-difiza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partjiet (*a fol.* 265 *et seq.*).

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 272 *et seq.*).

Rat in-Nota Responsiva tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 282 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-24 ta’ Awwissu 2011, xehed l-**Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Robert Vella** (*a fol.* 24 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu. Ezebixxa *card* tal-bank tal-imputat (Dok. “RV 1” – *a fol.* 30) li nstabet fil-vettura ta’ Spiridione Pulo u *cd* (Dok. “RV 2” – *a fol.* 31) u numru ta’ dokumenti ohrajn, fosthom certifikat mediku rilaxxat minn Dr. Monica Camilleri li juri li l-imputat kellu ksur f’idejh (Dok. “RV 5” – *a fol.* 34).

Illi, fis-seduta tal-24 ta’ Awwissu 2011, xehed ukoll **Brian Farrugia** (rapprezentant ta’ Transport Malta – *a fol.* 38 *et seq.*) fejn ikkonferma li vetturi bin-numri ta’ registrazzjoni KRN 281 u GRE 008 jappertjenu lil Karen Abela u Spiridione Pulo rispettivament. Fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2012, l-istess xhud (*a fol.* 195) kkonferma li vettura bin-numru ta’ registrazzjoni NRS 067 tappertjeni lil Joseph Agius.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Awwissu 2011, xehed ukoll **PS 1314 Raymond Ambrogio** (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Awwissu 2011 sab lill-imputat jaghti bis-sieq u jaqbez fuq il-*bonnett* ta' vettura Ford Fusion. Jghid: *"Ahna ghidnilu biex jikkalma u gie ghalina b'wiper f'idu li qalilna li jien ma nibza minnkom ejjew arrestawni mhux ha nibza' minnkom, mhux ha niddejjaq minnkom u beda jxejjer il-wiper"* (*a fol.* 44 *et seq.*). Jghid li laqat lill-kollega tieghu u hu (PS 1314) uza l-*pepper spray* u l-imputat ikkalma. Jghid li sakemm l-imputt kien qed jigi mmanettjat, l-imputat baqa' jirrezisti.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat kien qed jagixxi qisu bniedem ferocjat. Jghid li ma jidhirlux li xamm riha ta' xorb fuq l-imputat pero jghid li l-imputat ma kienx f'sikktu.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Awwissu 2011, xehed ukoll **PC 1066 Antoine Guillaumier** (*a fol.* 47 *et seq.*) li jghid li flimkien ma' PS 1314 marru fuq il-post fejn kien gie ndikat lilhom u raw lill-imputat jghajjat u jiggieled wahdu f'nofs ta' triq. Jghid li l-imputat telaq jigri kif rahom javvincinawh u mar fejn Ford Fusion bin-numru ta' registazzjoni KRN 281, li kien hemm bicciet minnha mkissrin, u kompla jaghtieha bis-sieq u bil-ponn u jinstabat fuqha. Jghid li l-imputat beda jxejjer il-*wiper* li kellu f'idu fid-direzzjoni taghhom u li eventwalment gie uzat *pepper spray* ghal fuq l-imputat.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2011, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 55 *et seq.*) in ottemperenza tal-inkarigu moghti lilu. Jghid li peress li kien ghadda certu zmien mindu l-imputat gie ezaminat medikolegalement ma setghux isiru testijiet tossikologici. Ezebixxa r-rapport tieghu (Dok. "MS 1" – *a fol.* 57 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2011, xehdet ukoll **Mary Pulo** (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn qalet li kienet halliet il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GRE 008 quddiem il-bieb tad-dar u li wara li semghet hoss u harget tittawwal rat il-vettura faccata bil-bieba miftuha u rat lill-imputat hdejn il-vettura in kwistjoni. Tghid li l-ghada sabet *card* tal-bank tal-imputat fil-vettura.

In kontro-ezami tghid li qabel dan l-akkadut il-vettura ma kellha ebda hsara.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2011, xehed ukoll **PC 766 Sergio Schiavone** (*a fol.* 78 *et seq.*) fejn qal li meta wasal fuq il-post ra lill-imputat jintlibsulu l-manetti u ra vettura b'xi hsarat fuqha.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2011, xehed **Dr. David Fenech** (*a fol.* 82 *et seq.*) li qal li ezamina lil Joseph Agius u ezebixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok. "DF 1" (*a fol.* 85) fejn iccertifika l-griehi sofferti minn Agius bhala hfief sakemm ma jinqalghux komplikazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011, xehed **PS 1243 George Polidano** (*a fol.* 96 *et seq.*) rigward id-dikjarazzjoni tal-imputat li jirrifjuta li jikkonsulta ma' avukat (Dok. "RV 1" – *a fol.* 5).

In kontro-ezami jghid li meta saret id-dikjarrazzjoni in kwistjoni l-imputat kien fi stat tajjeb u li kien ikkoopera mal-Pulizija.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011, xehdet ukoll **Karen Joanne Abela** (*a fol.* 100 *et seq.*) fejn qalet li kienu cemplulha l-Pulizija u qalulha li kellha xi hsara fil-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni KRN 281. Ikkonfermat li kienet giet rilaxxata stima fl-ammont ta' € 5279.31 (Dok. "RV 7" – *a fol.* 36 *et seq.*). Tghid li l-hsarat gew trangati u ezebiet rcevuta ta' kemm kienu l-ispejjez (Dok. "KA 1" – *a fol.* 104). Tispjega li ma tafx min ghamlilha l-hsara.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **Joseph Agius** (*a fol.* 105 *et seq.*) fejn qal li kien fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NRS 067 u li kien hiereg minn Carini Street, Santa Venera ghal got-triq principali u li l-imputat beda jaghmillu sinjal u jzommu milli jsuq. Jghid li l-imputat beda jitkellem hazin u jidghi. Jghid li pprova johrog ghal got-triq principali, l-imputat irrabja, dahal gol-vettura u girfu kollu u beda jaghti fil-vettura. Jghid li l-imputat iddendel mal-bieba. Ezebixxa certifikat mediku (Dok. "JA 1" – *a fol.* 113) li huwa l-istess certifikat mediku

li gie mmarkat bhal Dok. “DF 1” (*a fol.* 85). Xehed fuq il-hsarat kagunati fil-vettura tieghu mill-imputat.

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2012, xehed **PC 655 Ryan Mifsud Schembri** (*a fol.* 123 *et seq.*) fejn spjega li meta wasal fuq il-post kien diga ntuza l-*pepper spray* fuq l-imputat u li l-imputat ma kienx offra resistenza fuqhom dak il-hin.

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2012, xehdet ukoll **Dr. Monica Camilleri** (*a fol.* 126 *et seq.*) fejn qalet li ezaminat lill-imputat u rrizulta li kellu ksur f’idu l-leminija. Ikkonfermat certifikat mediku rilaxxat minnha (Dok. “RV 5” – *a fol.* 34).

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2012, xehed **Lawrence Ciappara** (*a fol.* 141 *et seq.*) fejn ezebixxa *survery report* li gie mmarkat bhala Dok. “LC 1” (*a fol.* 143) u fejn ikkonferma dokumenti *a fol.* 36 u 37. Jghid li total tax-xoghol li sar kien € 3311.85.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2012, xehed ukoll **Terry Micallef** (*a fol.* 144 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta’ Awissu 2011 kien mar mal-imputat il-festa ta’ San Gwann u wara marru l-Hamrun u dahlu go *bar*. Jghid li ma rax lill-imputat u li l-ahhar li rah kien *“orrajt”* (*a fol.* 145). In <u>kontro-ezami</u> jghid li jaf lill-imputat bhala persuna kwieta, ferrieha u li qatt ma rah aggressiv.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2012, xehed ukoll **Christopher Micallef** (*a fol.* 148 *et seq.*) fejn qal li kien mar mal-imputat il-festa ta’ San Gwann u wara marru l-festa tal-Hamrun u marru go *bar*. Jghid li fil-hin li kien maghhom l-imputat kien f’kundizzjoni normali.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li lill-imputat jafu bhala persuna li qatt ma qala’ glied u li bhala persuna jgib ruhu bhala persuna normali. Jghid li f’hin minnhom l-imputat sparixxa u ma rawhx aktar.

Illi, fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2012, xehed **Tony D’Alfonso** (*a fol.* 189 *et seq.*) fejn ikkonferma li kienu saru

xi tiswijiet fuq il-vettura bin-numru ta' registazzjoni NRS 067. Ezebixxa u kkonferma dokumenti pprezentati minnu (Dok. "TA 1" sa "TA 3"– *a fol.* 191 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2012, xehed **Joseph Muscat** (*surveyor – a fol.* 201) fejn ikkonferma stima Dok. "RV 1" – *a fol.* 116. Jghid li t-tiswijiet fuq il-vettura bin-numru ta' registazzjoni NRS 067 saru ghax gew ricevuti l-kontijiet u dawn jaqblu mar-rapport tieghu.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **David Debono** (*Claims Manager* – Montaldo Insurance Agency Limited – *a fol.* 203) li pprezenta Dok. "DD1" sa "DD 13" (*a fol.* 204 *et seq.*). Jghid li l-kontijiet kollha thallsu fuq il-vettura bin-numru ta' registazzjoni NRS 067 u li l-ammont globali kien dak ta' € 756.73.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2013, xehed l-imputat **Wayne Joseph Camilleri** minn jeddu (*a fol.* 247 *et seq.*) fejn qal li mar il-festa ta' San Gwann flimkien ma' Chris u Terry Micallef u jghid li marru go *bar* u hadu zewg *drinks*. Jghid li marru gol-klabb tal-bocci ghax kien ghemm *disco*, hadu zewg *drinks* ohra u jghid: *"minn hemmhekk umbaghad qisni ma niftakar xejn"* (*a fol.* 247). Jghid li kellu *"black out"* (*a fol.* 247). Jghid li sab ruhu d-*depot* u li kien mugugh, kellu saqajh minfuha u gie mittiehed l-isptar. Jixhed li ma kellux idea x'gara. Jghid li ma jafx li mar il-Hamrun u anqas Santa Venera. Ikkonferma li l-*card* tal-bank (Dok. "RV 1" – *a fol.* 30) li nstabet f'vettura hija tieghu. Jghid li qatt ma abbuza mid-droga.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li parti zghira jiftakar meta kien il-Hamrun.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2013, xehed ukoll **Matthew John Scicluna** (*a fol.* 252 *et seq.*) rigward il-karattru tal-imputat. Jghid li meta hareg mal-imputat, l-imputat dejjem gab ruhu ta' quddiem in-nies u li gie li ha *drinks* pero dejjem kien responsabbli.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2013, xehed ukoll **Mark Camilleri** (*a fol.* 255 *et seq.*) fejn qal li ma rax l-incident isehh pero xehed fuq dak li jaf fuq l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li gie prodott hawn fuq, il-Qorti ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

- Fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni: jirrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GRE 008 spiccat faccata minn fejn originarjament kienet bil-bieba taghha tax-xufier miftuha u mwahhla mal-bankina u bl-imputat ma genbha.

- Fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni: jirrizulta li gew kagunati hsarat mill-imputat fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KRN 281.

- Fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet:

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita.

L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

*"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

*"Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".*

Illi, minn ezami akkurat ta' dak li nghad fir-rigward ta' x'inhuma l-elementi li jsawru r-reati taht Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 u mehud in konsiderazzjoni dak li gie mismugh tul is-smiegh tal-provi f'din il-kawza, il-Qorti ma ghandu jibqalghha l-ebda dubju li l-elementi li jsawru z-zewg reati msemmija gew sodisfacentement pruvati.

- Fir-rigward tal-<u>hames (5) imputazzjoni</u>: jirrizulta li l-imputat ma obdiex l-ordinijiet legittimi tal-Pulizija.

- Fir-rigward tas-<u>sitt (6) imputazzjoni</u>:

Il-Qorti ghandha timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern.

- Fir-rigward tas-<u>seba' (7) imputazzjoni</u>: jirrizulta li l-imputat kkommetta dak li gie akkuzat bih fis-seba' (7) imputazzjoni.

- Fir-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni: mix-xiehda moghtija minn Dr. David Fenech (*a fol.* 82 *et seq.*) u mic-certifikat mediku (Dok. "DF 1" – *a fol.* 85) jirrizulta li gew kagunati griehi hfief fir-rigward ta' Joseph Agius mill-imputat.

- Fir-rigward tad-disa' (9) imputazzjoni: jirrizulta li gew kagunati hsarat mill-imputat fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NRS 067.

- Fir-rigward ta' Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ndikat biss fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali (*a fol.* 224). Dan is-sub-artikolu jipprovdi li jkun hati ta' kontravenzjoni kull min jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodici Kriminali, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni. Dan jirrizulta li sehh fil-kaz odjern.

**Ikkunsidrat**

Illi, da parte taghha, id-difiza tiddeskrivi dan il-kaz bhala wiehed *"stramb hafna"* (*a fol.* 277) u tghid: *"dan ghaliex donnu hemm perijodu fil-hajja tal-imputat li hija unaccounted for"* (*a fol.* 277). Id-difiza tghid li l-*actus reus* tal-imputat mhux qed jigi kkontestat u li dak li ma jirrizultax hija l-*mens rea* tal-imputat. Id-difiza tghid li l-unika imputazzjoni li tista' b'xi mod tirrizulta hija t-tielet wahda (*a fol.* 269). Id-difiza ssostni li: *"huwa pietuz li bniedem jispicca l-Qorti akkuzat b'serje ta' akkuzi u ma jkunx f'pozizzjoni li jirrispondi ghall-ghemilu"* (*a fol.* 278). Tenut kont ta' dan u tenut kont ta' dak li nghad mill-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha u fin-Nota Responsiva taghha, il-Qorti taqbel mal-Prosekuzzjoni meta fin-Nota Resposiva taghha (*a fol.* 282) tghid li l-istess difiza ma ssustanzjatx l-allegazzjoni taghha fir-rigward. Apparti dan, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni dak li rrizulta mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri (Dok. "MS 1" – *a fol.* 57 *et seq.*) u dak li huwa xehed (*a fol.* 55 *et seq.*). Apparti dan, il-Qorti ma jirrizultalhiex li tirrizulta xi wahda mill-eccezzjonijiet elenkati f'Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

anzi l-Qorti jirrizultalha li f'dan il-kaz is-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghhom.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa (Dok. "RV 4" – *a fol.* 10)), il-fatt li piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat ma tkunx wahda idonea, il-fatt li d-difiza ma ssustanzjatx l-allegazzjoni taghha kif nghad aktar il-fuq, u l-fatt li jekk il-Qorti tapplika xi provvediment li jemani minn Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tkun qed timminimizza dak li ghamel l-imputat. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza b'ordni sabiex ihallas il-hsarat kollha kagunati minnu fi zmien stabbilit u fin-nuqqas jiskonta piena ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-11 ta' Settembru 2012 b'mod partikolari Artikoli 41(1)(a), 95, 96(a), 214, 221, 261(b), 261(c), 261(g), 263, 267, 271(g), 325(1)(a), 325(1)(b), 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Wayne Joseph Camilleri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlitt (3) snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta' tlitt'elef, tlitt mija u hdax-il Euro u hamsa u tmenin centezmu (€ 3311.85) lil Karen Joanna Abela u s-somma ta' seba mija u sitta u hamsin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€ 756.73) lis-socjeta' Montaldo Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' Joseph Agius.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin jew jekk ma jhallasx is-somma ta’ tlitt’elef, tlitt mija u hdax-il Euro u hamsa u tmenin centezmu (€ 3311.85) lil Karen Joanna Abela u s-somma ta’ seba mija u sitta u hamsin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€ 756.73) lis-socjeta’ Montaldo Insurance Agency Limited fiz-zmien lilu moghti.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta’ mitejn u erbgha u tletin Euro u erba’ centezmi (€ 234.04) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ espert f’dan il-kaz (*a fol.* 74).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------